MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Numru 1048/2002

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Philbert Borg, iben John Mary,
imwieled Pieta' fl-4 ta' ġunju,
1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-5 ta' april, 2002 għal ħabta tas-2.00 a.m., f'Birkirkara, ikkometta serq ta'
xi oġġetti minn vettura ta' l-għamla Skoda, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAQ 568, għad-dannu ta' Joseph Portelli minn Birkirkara, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' april, 2002, laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati

b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fil-5 ta' april, 2002 għal ħabta tas-2.00 a.m. f'Birkirkara, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara saret għad-dannu ta' Joseph Portelli minn Birkirkara u ma tiskorriex
il-Lm50 iżda iżjed minn Lm10.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-29 ta' jannar, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Portelli fejn informa lill-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u li ħafirlu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prsekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputat ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 264, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------